**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Nadine Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D, Barrister at Law (England & Wales)**

**Kumpilazzjoni Numru: 381/2020**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Leeroy Balzan Engerer)**

**vs**

**Andrew Tabone**

Illum, is-7 ta' Novembru, 2023

Il Qorti:

Rat li l-pulizija ressqet lil **Andrew Tabone**, iben David u Maria Angela xebba Aquilina, residenti 199, Melita/1B, Triq is-Swieqi, Swieqi, detentur tal-karta tal-identità 529980M, imwieled il-Pieta, Malta nhar l-1 ta' Novembru 1980

U akkuzatu talli nhar is-07 t' Awwissu 2020 u fis-snin ta' qabel gewwa l-Gzejjer Maltin, f'diversi hinijet:

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li iqieghed il-hajja tal- partner tieghu Natassja Gouder f'perikolu car, ikkagunalha hsara fil-gisem jew fis-sahha taghha, liema griehi huma ta' natura hafifa;

2. Gab ruhu b'tali mod li ta fastidju lil Natassja Gouder, u b'mod li kien jaf jew li missu kien jaf li dak li ghamel kien ta' fastidju ghal Natassja Gouder;

3. Bl-imgieba tieghu, ikkanguna lil Natassja Gouder il-biza li se tintuza vjolenza kontra taghha jew kontra il-propjeta` taghha jew kontra il-persuna jew il-propjeta ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa jew familjari ohra taghha;

4. Ghamel ingurji jew theddid lil Natassja Gouder, jekk kien ipprovokat, ingurja b' mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni.

Il-Qorti giet mitluba tohrog Ordni ta' Protezzjoni kontra l-akkuzat sabiex tipprovdi ghas-sigurta ta' Natassja Gouder, jew ghaz-zamma tal-ordni pubblika, jew shall-iskop ta' protezzjoni tal-persuna leza jew ta' individwi ohra minn fastidju jew imgiba ohra li tikkaguna biza' ta' vjolenza, u dan ai termini tal-Artikolu 412C tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet ukoll mitluba titratta dan il-kaz bhala wiehed ta' vjolenza domestika skond il-Kap. 581 tal- Ligijiet ta' Malta.

Rat li matul l-ezami tal-imputat fl-udjenza tad-9 ta' Awwissu 2020, ai termini ta' l-artikolu 392(1) tal-Kodici Kriminali, l-imputat tenna li ma kienx hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.[1]

[1] Folio 17 ta' l-atti processwali

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu bil-miktub sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.[2]

Rat li waqt l-udjenza tad-9 ta' Awwissu 2020, l-imputat tenna li ma ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.[3]

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda u tas-sottomissjonijiet li nstemghu quddiem lil din il-Qorti kif preseduta;

Rat illi l-prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha nhar is-16 ta' Novembru 2021.[4]

Rat illi d-difiza ghalqet il-provi taghha nhar is-16 ta' Mejju 2023.[5]

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda u tas-sottomissjonijiet li nstemghu quddiem il-Qorti;

Rat id-dokumenti kollha pprezentati, hadet konjizzjoni tax-xhieda prodotti, fliet l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-atti kollha

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Fatti fil-qosor**

Illi dan il-kaz jikkoncerna allegati incidenzi ta' vjolenza domestika li sehhew fil-31 ta' Dicembru 2018 u fis-7 ta' Awwissu 2020 u li fihom l-imputat Andrew Tabone aggredixxa lill-parte civile Natassja Gouder, li fiz-zmien relevanti

[2] Folio 6 ta' l-atti processwali
[3] Folio 17 ta' l-atti processwali.
[4] Folio 152 ta' l-atti processwali
[5] Folio 264 ta' l-atti processwali

kienet is-siehba tieghu. Jikkoncerna ukoll allegat fastidju inwettaq mill-istess imputat kontra l-parte civile.

**Ikkunsidrat**

**Xhieda**

Il-Qorti ser taghmel riferenza ghax-xhieda li nstemghet viva voce u ghad-dokumenti saljenti li hija semghet u li gew prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Il-parte civile **Natassja Gouder**[6] xehdet fis-seduta tad-19 ta' Awwissu 2020. Spjegat li l-imputat kien is-sieheb taghha u l-origini tal-argument li wassal ghall-incident mertu ta' dawn il-proceduri kien li hija kienet organizzat ikla mal-hbieb taghha u l-imputat ghazel li ma jmurx minhabba li kien ftiehem mal-eks tieghu sabiex imur gurnata l-bahar maghha bl-iskuza ta' laqgha dwar negozju. Fil-kuntest ta' dan qam argument bejniethom fejn hija qalet lill-imputat li kienet xebghet bl-attitudni tieghu u hu wiegibha li "I've had enough of you…you're fucking paranoid" u ghadda biex jaqbadha minn xaghrha bil-konsegwenza li qalalha gozz xahar. Hija imbaghad pruvat ixxarrbu bl-ilma (kiesah) minn flixkun li kien hemm fil-qrib u l-imputat qabad dan il-flixkun u taha daqqa ma wiccha bih. Wara tefaghha mal-art u beda jhabbtilha rasha mal-art u jghajjarha "fucking bitch". F'hin minnhom waqt li kienet mal-art rifsilha wiccha u heddidha "get the fuck out before I kill you" biex ikecciha mid-dar. Dan l-incident sar fid-dar tal-imputat 199, Triq is-Swieqi, Is-Swieqi. Il-parte civile ezebiet ritratti indikattivi tal-griehi sofferti minnha li kienu f'wiccha, idejha u saqajha. Wara l-incident, il-parte civile libset malajr u telqet 'il barra b'xi affarijiet li setghet tiehu maghha. Ghamlet rapport mal-pulizija dakinhar stess u marret fic-centru tas-sahha. Fuq suggeriment tal-pulizija, irrikorriet

[6] Fol. 27-51 tal-atti processwali

ukoll ghand l-Agenzija Appogg sabiex isir risk assessment tal-vjolenza domestika. Spjegat li kienet ilha tghix mal-imputat f'dik ir-residenza ghal madwar xahar u ghalhekk kien hemm diversi oggetti taghha hemmhekk. Spjegat li sfortunatament, dan ma kienx l-ewwel incidenza ta' aggressjoni minn naha tal-imputat. Incident partikolari kien sehh fil-31 ta' Dicembru 2018 fejn kienet spiccat bi griehi f'geddumha wara li l-imputat kien imbuttaha ghal fuq sufan. Wara dan l-episodju kienu hassru imma imbaghad regghu flimkien wara li l-imputat kien beda jibghatilha il-messaggi sabiex jirrangaw l-affarijiet bejniethom. Kienet iddecidiet li tahfirlu taht kundizzjoni li jirrikorri ghal ghajnuna dwar anger management. Kien mar darba ghand it-terapista Anita Portelli u qatt ma rega' mar aktar. Kull meta kienu jinfirdu ghal xi granet, l-imputat kien jaghmel sensiela ta' telefonati u messaggi biex jaghmlilha pressjoni. Ix-xhud spjegat ukoll li meta ghamlet zmien tkellem lil certu Igor Zamrzitski, dan kien ukoll gie mhedded mill-imputat u fil-fatt kien ghamel rapport mal-pulizija. Kien hemm ukoll incident fejn wara li hi kienet blokkjat lill-imputat, dan baghtilha messagg ta' theddid tramite l-mobile tal-habiba taghha Samantha Pantalleresco. Tghid li tul ir-relazzjoni taghha mal-imputat, kellu l-vizzju li jsejjhilha bi kliem bhal "whore" u "retarded". Skont hi, dan jindika elementi abbuzivi fil-karattru tieghu. In kontro-ezami ikkonfermat li llum ir-relazzjoni intemmet u ma ghad hemm l-ebda punt ta' kuntatt mal-imputat.

Fl-istess seduta xehed **L-Ispettur Leeroy Balzan Engerer**[7], stazzjonat fl-Ghassa ta' San Giljan, li spjega li fis-7 ta' Awwissu 2020 gie nfurmat li kien sar rapport minn Natassja Gouder rigward incidenza ta' vjolenza domestika mwettqa minn certu Andrew Tabone. Kien sar risk assessment minn naha tal-Agenzija Appogg u kien irrizulta li s-sitwazzjoni kienet wahda ta' riskju gholi. A bazi ta' dan, kien ordna l-arrest ta' Andrew Tabone u l-ghada, fit-8 ta' Awwissu 2020,

[7] Fol. 90-91 tal-atti processwali.

kien hadlu stqarrija wara li ghazel li jikkonsulta mal-Avukat Dr Robert Gauci Maistre. Eventwalment, l-imputat kien tressaq quddiem il-Qorti kif preseduta taht arrest.

Fis-seduta tad-29 ta' Ottubru 2020 xehed **PC 1497 Julian Calleja**[8], stazzjonat fl-Ghassa ta' San Giljan. Ikkonferma li fis-7 ta' Awwissu 2020 huwa kien ha r-rapport maghmul mill-parte civile Natassja Gouder. Aktar tard, il-parte civile kienet ipprezentat certifikat mediku. Jiftakar li minkejja li kienet liebsa maskra minhabba li kien zmien il-pandemija, kellha xi griehi f'wiccha vizibbli u kienet tidher agitata u mbezza'. Kien gie mghoddi ukoll kopja tar-risk assessment maghmul mill-Agenzija li kien irrizulta f'riskju gholi u ghalhekk, kien informa lis-superjuri tieghu sabiex jittiehdu l-proceduri necessarji, inkluz l-arrest. In kontro-ezami iccara li l-griehi li kienu vizibbli ghalih kienu hmura madwar l-ghajn ix-xellugija. Fuq mistoqsija tal-Qorti, spjega li l-parte civile kienet qaltlu li l-griehi gew ikkawzati wara li l-imputat kien taha daqqa ta' flixkun f'wiccha.

Fl-istess seduta xehed **PS 922 Valhmor Medati**[9], stazzjonat fl-Ghassa ta' San Giljan. Spjega li huwa kien prezenti fl-Ghassa ta' San Giljan waqt li PC 1497 Julian Calleja ha r-rapport tal-parte civile. Huwa imbaghad tkellem mal-Ispettur Leeroy Balzan Engerer partikolarment minhabba li r-risk assessment li sar mill-Agenzija Appogg irrizulta f'konkluzjoni ta' riskju gholi. L-Ispettur kien tah struzzjonijiet sabiex Andrew Tabone jigi arrestat. Fil-fatt hekk sar u filwaqt li kien tah id-drittijiet tieghu, ix-xhud kien ukoll ha lil Tabone fic-Centru tas-Sahha minhabba li qal li kien qed isofri minn xi grif li ghamlitlu l-parte civile. Fil-fatt gie certifikat li kien qed isofri minn griehi hfief. Minn hemm ittiehed fil-lock-up.

---

[8] Fol. 51-53 tal-atti processwali.

[9] Fol. 113-116 tal-atti processwali.

Fl-istess seduta xehedet **Vincienne Vella**[10], ufficjal tal-Agenzija Appogg. Hija flimkien mal-kollega Francesca Cassar kienet assitiet lill-parte civile Natassja Gouder biex isir risk assessment dwar vjolenza domestika. Kienu ltaqghu fl-Ghassa ta' Tas-Sliema u bhala fatt, il-parte civile kellha black-eye vizibbli. L-ezercizzju kien irrizulta fi grad ta' 14 li jfisser riskju gholi. Spjegat li din kienet l-unika darba li sar ezercizzju ta' dan it-tip fir-rigward tal-parte civile. In kontro-ezami ix-xhud qalet li ma kienx sar ezercizzju simili fir-rigward tal-imputat minhabba li ma giex dirett li jsir hekk mill-pulizija.

Fl-istess seduta xehed **It-Tabib Dr Alfred Aquilina**[11], adett fic-Centru tas-Sahha tal-Gzira. B'referenza ghac-certifikat ezebit a Fol. 54 ikkonferma li huwa kien ghamlu wara li nvista lill-parte civile Natassja Gouder nhar is-7 ta' Awwissu 2020 fis-19:10 hrs. Il-griehi li kellha kienu gew klassifikati bhala ta' natura hafifa salv kumplikazzjonijiet. Il-parte civile kienet spjegat li l-kawza ta' dawn il-griehi kien aggressjoni u ghalhekk ix-xhud kiteb "allegedly beaten" fuq ic-certifikat.

Fis-seduta tal-5 ta' Frar xehed bil-lingwa Ingliza **Igor Samardziski**[12]. Spjega li huwa habib ta' habiba tal-parte civile li jisimha Domenique u f'okkazjoni partikolari, li kienet vicin l-Ewwel tas-Sena 2018, il-habiba tieghu kienet irceview sensiela ta' ritratti li juru griehi li kienet sofriet il-parte civile. Wara xi zmien, Domenique kienet talbitu sabiex ikellem ftit lill-parte civile dwar il-problemi li kienet ghaddeja minnhom u ghal dak l-ghan, kien ser jigi organizzat barbeque ghand ix-xhud. Wara xi ftit gimghat, fit-3 ta' Mejju ghall-habta tal-22:00, ircieva messagg fuq Messenger minghand l-imputat, li f'dak iz-zmien kien injot ghalih. Kien staqsih ghan-numru tal-mowbajl u meta x-xhud ghaddiehulu, l-imputat cempillu. Minn naha tieghu, ix-xhud irrekordja l-

[10] Fol. 117-122 tal-atti processwali.
[11] Fol. 123-125 tal-atti processwali
[12] Fol. 129-146 tal-atti processwali

konversazzjoni, li kienet tikkonsisti f'sensiela ta' tghajjir, theddid u kliem vulgari. L-imputat jirreferi ukoll lix-xhud biex ikellem lil terza persuna li jismu "Glenn". Ix-xhud jispjega illi fehem illi r-rabja tal-imputat lejh kienet ticcentra madwar il-fatt li kien ser jorganizza barbecue sabiex ikellem lill-parte civile. In kontro-ezami, ix-xhud li qed jaghraf lill-imputat u jispjega li qed jaghrfu kemm ghax jista' jkun li gieli rah barra socjalment u ukoll tramite l-profile picture li juza fuq Messenger.

Fl-istess seduta xehdet bil-ligwa Ingliza **Samantha Jane Pantalleresco**[13]. Ikkonfermat li kienet habiba tal-parte civile. B'referenza ghall-messaggi ezebiti a Fol. 73 tal-atti, spjegat li dawn il-messaggi kienu mibghuta lilha mill-imputat sabiex twassalhom lill-parte civile. Fil-fatt, hija informat lill-parte civile bil-kontenut ta' dawn il-messaggi. Gharfet lill-imputat fl-awla.

Fis-seduta tas-16 ta' Novembru 2021 xehdet bil-gurament **Dr. Katya Vassallo** li ritornat u esebit traskrizzjoni.[14]

**Il-parte civile Natassja Gouder** giet prodotta in kontro ezami fis-seduta tas-16 ta' Novembru 2021[15]. B'referenza ghall-incident tal-ahhar tas-sena, 2018, spjegat li hija u l-imputat kienu ilhom bil-battibekki sa mill-Milied u fil-fatt kienu qed jikkunsidraw jekk ghandhomx jibqghu f'relazzjoni. Tghid li kienet ghand l-imputat ghall-habta tas-18:15hrs tant li wara kellha ppjanat li tohrog mat-tifla taghha il-Belt. Ghalhekk, teskludi li kienet fis-sakra. Tispjega li f'punt minnhom, "qabbzita" lill-imputat tant li qalilha biex titlaq 'l hemm u hija u hierga, dahhalha f'rasu li kienet haditlu xi haga minn fuq il-mejda u ma hallihiex tohrog qabel ma ccekkja x'kienet hadet u fid-daghdiha, qibidha minn xagharha u waqghet u nstabtet mal-injama tas-sufan. Suggerit lilha jekk wara li harget mill-fond qaghditx tiehu filmat bil-mowbajl, il-parte civile l-ewwel

[13] Fol. 149-153 tal-atti processwali
[14] Dok KV1, u KV2, Folio 161-168 ta' l-atti processwali
[15] Fol. 169-193 tal-atti processwali

innegat izda imbaghad qalet li ma tiftakarx. Qalet li bdiet thabbat mal-bieb ghax hasbet li fil-fixkla nsiet ic-cavetta tal-karozza gewwa izda imbaghad indunat li kienet dahlet fl-inforra tal-gakketta ghax kienet iccartet fl-alterkazzjoni li kienet sehhet. Tispjega li waqt l-alterkazzjoni, kienu nkisru xi zewg kikkri u waqt li l-imputat kien qed jigbidha minn xagharha, laqtet it-television bil-minkeb. Ikkonfermat li dwar dan l-incident ma kienitx ghamlet rapport mal-pulizija. Ikkonfermat li wara dan l-incident hija u l-imputat kienu regghu flimkien u kienu jikkorrispondu permezz ta' diversi platforms, inkluz Whatsapp u Messenger. Gieli intuza ukoll Signal imma ma tiftakarx iz-zmien ezatt. Mistoqsija ghalfejn wara l-ewwel incident baqghet f'relazzjoni mal-imputat u sahansitra dahlet toqghod ghandu, spjegat li f'dak iz-zmien hija kienet thobbu u ma kienitx facli ghaliha li taqta' l-kuntatt ghal kollox. Dwar l-incident tas-7 ta' Awwissu 2020, il-parte civile iccarat li hija kellha flixkun tal-ilma f'idha ghax kienet ser taghmel il-kafe` u ghalkemm xarrbet lill-imputat bi ftit ilma, hafna minnu waqa' mal-art. L-imputat imbaghad hadilha l-flixkun, li kien ghad fadallu xi ilma fih, u taha daqqa fuq wiccha bih. Cahdet li f'xi hin gibdet xaghar l-imputat u ccarat li jista' jkun li girfitu x'hin bdiet tissara biex tinheled mill-qabda tieghu wara li qabdilha rasha. Qablet li l-imputat beda jghidilha "ohrog 'il barra". Fil-fatt, fil-fixkla, ghalkemm irnexxielha tiehu xi affarijiet taghha li kien hemm fid-dar, spiccat harget fit-triq b' T-shirt u bil-qalziet ta' taht. Imbaghad libset fil-karozza. Qablet li dakinhar stess baghtet messaggi lill-imputat li kien fihom xi kliem li kien frott tar-reazzjoni taghha ghal dak li kien gara. Spjegat li ma marritx tirrapporta l-Ghassa mal-ewwel ghax kienet qed itella' u tnizzel jekk ghandhiex tirrapporta u ddecidiet li tmur wara li ghamlet gurnata tirrifletti u preparate ruhha mentalment. Rigward it-transazzjonijiet b'Revolut, il-parte civile spjegat li ma kien ikun hemm xejn dovut lilha u l-imputat kien jibghat xi haga tal-flus sempliciment biex ikun jista' jibghat messagg tramite l-application, u dan tenut kont li kienet blokkjatu mill-mezzi l-ohrajn kollha f'dak iz-zmien. Kien hemm xi drabi fejn naghtet il-flus lura u

ohrajn li le. Ikkonkludiet billi tghid li dak iz-zmien kienet ghaddejja minn zmien difficli hafna minhabba d-dinamika tar-relazzjoni taghha mal-imputat, li skont hi, kien fiha element ta' "manipulazzjoni" di parti tieghu.

**L-Ispettur Leeroy Balzan Engerer** gie prodott in kontro-ezami fis-seduta tal-1 ta' Dicembru 2022[16]. Spjega li ghalkemm meta kien gie arrestat l-imputat kellu xi griehi u fil-fatt kien ittiehed l-Isptar, huwa ma kienx mexxa kontra l-parte civile ghax deherlu car li l-griehi kienu gew ikkawzati in difesa. Ma setax jiftakar jekk kienitx saret kwerela minn naha tal-imputat sabiex jinbdew proceduri kontra l-parte civile.

Fis-seduta tas-7 ta' Marzu 2023 xehed minn rajh **l-imputat Andrew Tabone**[17]. Rigward l-incident tal-ahhar tas-sena 2018, spjega li huwa kien qieghed id-dar jistenna biex johrog ma shabu meta giet il-parte civile id-dar tieghu fis-sakra u gabet xi affarijiet maghha li ma specifikax x'kienu. Imbaghad pruvat tohodlu xi flus "biex tinkieh" u hu waqqfha biex ma tohrogx u tefaghha fuq is-sufan, bil-konsegwenza li setghet habtet rasha ma' parti mis-sufan li hija tal-injam. Waqt dan l-incident, il-parte civile garatlu zewg tazzi u kissritlu t-television. Ipprezenta filmat li kien gibed tal-parte civile taghti bis-sieq mal-bieb ta' barra tieghu. Isostni li huwa ma kellu l-ebda intenzjoni li jwegga' lill-parte civile. Dwar l-incident ta' Awwissu 2020 spjega li dan inqala minhabba li kien ser jaghmel gurnata ma eks-kollega (u eks-siehba) tieghu li hija direttrici mal-Malta Tourism Authority. Sahaq li l-iskop tal-inkontru kien purament ta' negozju minhabba li hu Head of Sales ta' lukanda ewlenija. Ir-reazzjoni tal-parte civile ghal dan kienet wahda qawwija hafna u ghalhekk qabel li flok imur il-bahar ma din il-persuna johodha tiekol. Stqarr ukoll li kellu juri l-messaggi ta' bejnu u din il-persuna lill-parte civile tant haditha bi kbira. Dakinhar tal-incident filghodu, huwa kien qed jghaddi l-qmis tax-xoghol u l-parte civile kienet qed taghmel il-

[16] Fol. 200-203 tal-atti processwali
[17] Fol. 209-239 tal-atti processwali

kafe` filwaqt li bdiet targumenta mieghu. Jghid li ghadda kumment li "forsi ma kienx xieraq" b'cajta u r-reazzjoni tal-parte civile kienet li haslitu bl-ilma minn flixkun li kellha f'idha. Hu hadilha l-flixkun minn idha u ferra l-kumplament fuqha u ma dan hi aggredietu u qabditu minn xaghru, li kien sensittiv minhabba li kien ghamel operazzjoni sena qabel. Waqt din l-alterkazzjoni it-tnejn waqghu mal-art ghax zelqu fl-ilma li kien mal-art. L-imputat imbagha qabadha minn xaghrha u hariga l-barra mid-dar. Wara ftit halliha tidhol lura biex tiehu xi affarijiet taghha. Wara dan l-incident mar ix-xoghol izda filghaxija, wara li kienu gabruh il-pulizija, talab li jittiehed fic-centru tas-sahha fejn sarlu certifikat. L-imputat spjega li wara dan l-incident xorta kompla l-kuntatt minn naha tal-parte civile u kull darba li jkun f'relazzjoni ma haddiehor, tara x'taghmel biex taqla' l-intoppi. Ipprezenta sensiela ta' korrispondenza u call logs li turi li l-kuntatt baqa' sejjer. In kontro-ezami, cahad li huwa kien partikolarment irrabjat li l-parte civile marret id-dar tieghu lejliet l-ewwel tas-sena imma kull ma xtaq kien li ma tehodlux affarijiet. Jghid li c-cavetta tal-karozza li tissemma fil-filmat kienet biss skuza biex terga' tidhol id-dar ghax hi kienet taf li c-cavetta kienet fil-fatt fuqha. Sahaq li tefagha fuq is-sufan biex jiccekkja jekk kienitx haditlu xi affarijiet u li ma setax ikellimha b'mod civili minhabba li kienet fi stat ta' sokor qawwi. B'referenza ghall-incident ta' Awwissu 2020 innega li kien ta lil parte civile bil-ponn u jassumi li jekk wegghet wiccha, dan sar meta waqghu mal-art fl-ilma.

Fis-seduta tas-16 ta' Mejju 2023 xehed **l-Ispettur Brian Xuereb**[18], li pprezenta certifikat mediku tal-imputat datat 7 ta' Awwissu 2020 li kien fil-police file.

**Ikkunsidrat**

**Stqarrija**

[18] Fol. 265-267 tal-atti processwali.

Illi l-imputat kien irrilaxxja stqarrija[19] lill-Ispettur Leeroy Balzan Engerer nhar it-8 ta' Awwissu 2020 fil-prezenza ukoll ta' PC 798 Manwel Rotin, wara li ghazel li jikkonsulta mal-Avukat Dr Robert Gauci Maistre. Fl-istqarrija tieghu, l-imputat jikkonferma li l-parte civile hija t-tfajla tieghu ghal dawn l-ahhar sentejn u kienet anke taghmel zmien toqghod mieghu fir-residenza tieghu. L-imputat jikkonferma li nhar is-7 ta' Awwissu 2020 kienet inqalghet kwistjoni bejniethom. L-imputat sostna li kienet il-parte civile li bdiet targumenta mieghu u aggredietu l-ewwel nhar is-7 ta' Awwisu 2020 u imbaghad, hu irreagixxa billi qabadha minn xaghrha u harigha 'l barra mid-dar. Ikkonferma li ried ikeccija mid-dar minghajr ma jaghtiha cans terfa u tiehu l-oggetti personali taghha. Izzid ukoll li l-parte civile kienet haslitu bl-ilma u li kien waqa' mal-art ghax zelaq fl-ilma u imbaghad hu kien xarrabha bil-kumplament tal-ilma li kien baqa' fil-flixkun. Innega li kien habbtilha rasha mal-hajt jew mad-dustbin jew li heddidha li kien ser joqtolha. Innega ukoll li kellu problema ta' *anger management.*

**Ikkunsidrat**

**Kunsiderazzjonijiet Legali**

**Ikkunsidrat**

**Provi li tressqu**

Il-pulizija esebiet rapport bin-numru NPS: 6A/N/3453/2020[20] li sar nhar is-7 ta' Awwissu 2020 mill-parte civile. Illi minn dan ir-rapport jirrizulta li kien hemm argument ghaliex l-imputat kien sejjer jiltaqa ma l-eks siehba tieghu

[19] Fol. 8-10 tal-atti processwali.
[20] Dok AT5, Folio 14-16 ta' l-atti processwali

minflokk johrog maghha u ma shaba. Irrizulta li inqala argument li beda jeskala u l-imputat sar aggressiv maghha tant li prova johrogha mill-apartament tieghu. Illi ma jhalliex tiehu oggetti personali taghha u beda jigbidha minn xaghara u gibdilha parti minnu. Bhala rizultat bdiet titfalu l-ilma biex jieqaf u gara li zelaq ma l-art. Bhala reazzjoni qabad l-istess flixkun ta' l-ilma u ta daqqa ta' ponn lil parte civile fejn soffriet griehi hfief.

Peress li l-imputat baqa jizloq fl-ilma, irrabja iktar u imbutta lil parte civile fil-hajt fejn laqtet rasha mal-hajja u d-dustbin u jobzqilha f'wiccha u jghajjat maghha u jheddidha.

Il-parte civile esebiet sensiela ta' ritratti waqt ix-xhieda taghha.[21] Illi dawn ir-ritratti ittiehdu minnha lejliet l-ewwel tas-sena 2018. Illi f'dawn ir-ritratti jidher bic-car li l-parte civile ghandha *black eye* kif ukoll tbengil fuq irkuptejha. Ghar-rigward dan il-incident ipprezentat certifikat mediku li sar nhar l-1 ta' Jannar 2019 gewwa c-centru tas-Sahha il-Mosta. Illi f'dan ic-certifikat il-griehi gew immarkati bhala hfief salv kumplikazzjoni bir-rakkomondazzjoni li ssir X-ray sabiex jigi determinat jekk kienx hemm ksur.

Il-parte civile esebiet ukoll sensiela ta' skambju ta' messaggi li inkitbu bejn l-imputat u hi permess ta' whatsapp fejn issir referenza ghal griehi sofferti u l-argument.[22]

Ghar-rigward l-incident tas-7 ta' Awwissu 2020, l-imputata esebiet certifikat mediku datat fl-istess jum ghas-seba ta' filghaxija. Illi f'dan ic-certifikat jindika ghajn sewda bil-tbengil, tbgenil fuq diversi parti ta' gisimha, ugieh fuq ir-ras u xahar migbud.[23]

---

[21] Dok NG1, Folio 52-53, 56-59 ta' l-atti processwali
[22] Dok NG6, Folio 60-61 ta' l-atti processwali
[23] Folio 54 ta' l-atti processwali

Gie ipprezentat ukoll *call log* ta' telefonati li saru, uhud jindikaw lill-imputat, fi diversi dati bejn Mejju u Awwissu 2020 li bihom il-parte civile spjegat li kull meta kienu jinfirdu, l-imputat kien jifastidja sabiex tikkomunika mieghu u tirranga.[24] Flimkien ma dawn gew esebiti mezzi ohra ta' kommunikazzjoni fuq gmail u Revolut.[25]

Illi f'dawn il-skambji jidher bic-car li l-imputat kien ikun qed jigri wara l-parte civile b'diversi mezzi sabiex hi tikkomunika mieghu.

Il-parte civile esebit messaggi sabiex permess taghhom taghti indikazzjoni tal-karattru tieghu.[26] F'dawn il-messagg hemm messaggi mibghuta mill-imputat lill-parte civile li jesprimu rabja b'mod dekoruz kif ukoll tghajjir lejn il-parte civile.

Il-parte civile esebit ukoll *risk assessment* li sar lill-parte civile.[27] Illi f'dan ir-rapoprt ir-rizultat li sar kien ta' erbatax il-punti li marka gholi bhala livell ta' riskju lejn persunta. Illi f'dan ir-rapport l-parte civile regghet tat il-verzjoni taghha dwar l-incident li sehh nhar is-7 ta' Awwissu 2020.

Illi ghalhekk din il-Qorti setghet tevalw erba istanzi meta l-parte civile tat il-verzjoni taghha. L-ewwel wahda meta ghamlet ir-rapport mal-pulizija nhar is-7 ta' Awwissu, ir-rapport tar-risk assessment li sar fl-istess jum iktar tard fil-gurnata u x-xhieda li tat il-Qorti nhar id-19 ta' Awwissu 2020 kif ukoll il-kontro ezami taghha nhar is-16 ta' Novembru 2021. Illi tul dawn il-erba' verzjonijiet, il-parte civile dejjem baqghet konsistenti fil-verzjoni taghha dwar il-fatti li graw fil-jum tas-7 ta' Awwissu 2020.

[24] Dok NG7, Folio 62-69 ta' l-atti processwali
[25] Dok NG8 u NG9, Folio 70-72 ta' l-atti processwali
[26] Dok NG10, Folio 73 ta' l-atti processwali
[27] Dok NG11, Folio 74-89 ta' l-atti processwali

Illi x-xhud Igor Saamardzisk esebixxa quddiem il-Qorti sensiela ta' messaggi[28] li juru komunikazzjonijiet bejn l-imputat u lilu fis-sena 2020 kif ukoll voice recording.[29] Illi f'dawn il-komunikazzjonijiet hemm skambju bejn ix-xhud u l-imputat dwar l-parte civile. Illi minn dan l-iskambju jirrizulta tensjoni sew u aggressjoni bejn l-imputat u x-xhud.

Illi waqt ix-xhieda ta' l-imputat gie pprezentat mill-imputat skambju ta' messaggi bejn l-imputat u l-parte civile li sehhew wara li nbdew il-proceduri u nhareg Ordni ta' Protezzjoni kontra l-imputat a favur il-parte civile.

Illi dan l-iskambju juri li wara li nbdew il-proceduri r-relazzjoni bejn l-imputat u l-parte civile ma waqqfitx. Illi s'intendi din is-skoperta kien tifxxkel u ma tawgura xejn tajjeb fuq iz-zewg partijiet. L-ewwel jinghad li t-tnejn marru kontra l-istess Ordni ta' Protezzjoni fis-sens li l-imputat kisser l-Ordni billi ghamel kuntatt mal-parte civile, u l-parte civile stess waqghet l-iskop ta' l-istess Ordni li kienet hi li talbitha.

Jirrizulta wkoll li l-partijiet ghandhom relazzjoni li wiehed jistqa iqis tossika u mhix matura. Huwa difficli li wiehed jifhem kif f'kawza tant kontenzjuza l-partijiet waqt is-smiegh tas-seduti xorta zammew relazzjoni ghaddejha u fl-istess hin it-tnejn xehdu kontra xulxin. Din il-Qorti ma tridx tispekola fuq ir-ragunijiet varji ghalfejn waqt is-smiegh tal-kawza l-partijiet xorta baqghu f'relazzjoni li xorta kienet imtapna b'dizgwit u glied, izda biss jirrizulta bic-car l-fatt li tajjeb jew hazin relazzjoni kontenzjuza tezisti bejniethom, filwaqt li f'mumenti ohra jirrizulta li jkun istanzi u perjodu ta' kalma bejniethom.

F'dan l-iskambju li sar F'Jannar 2019 u li jirreferi ghall-incident ta' l-ewwel sena hemm dizgwit dwar x'gara ezatt fil-glieda. B'dawn il-messaggi jirrizulta pero

[28] Dok FS1, Folio 144-147 ta' l-atti processwali
[29] Dok IS2, Folio 148 ta' l-atti processwali

li kien hemm glieda u l-imputat stess jammetti li tefa fuq sufan u ghezieza filwaqt li jinnega li qatt ghamlilha xi haga. Fl-istess hin jghid li hi ma gabitx ruhha sew minhabba l-agir taghha dak il-lejl stess u s-stat taghha.

F'dan l-iskambju t-tnejn jakkuzaw lil xulxin dwar dak li gara u minn kaguna l-glieda jew kellu tort. Jidher li l-imputat qieghed jikteb lill-parte civile sabiex iggib konferma bil-miktub li l-affarijiet graw kif qal hu.

Minn l-istess skambju l-parte civile taghmel referenza ghal black eye. L-imputat ma jichadx l-ezistenza taghha izda jghidilha li grat u giet mod iehor milli kif qal hu.

Fl-istess skambju l-parte civile tammetti li hi gidbitlu fuq certu affarijiet u ma jaqblux fuq x'gara filwaqt li l-parte civile takkuzah li qed jipprova jitfa l-kliem f'halqha ghaliex qed jikkomunikaw bil-kitba.

L-imputat esebixxa wkoll komunikazzjoni li ghamel ma l-Ispettur Balzan f'Lulju 2022[30] li jaghmel referenza ghall-parte civile u r-relazzjoni li baqghet ghaddeja bejniethom.

L-imputat esebixxa wkoll skambju iehor[31] li sar bejnhu u l-imputat dak in-nhar tas-7 ta' Awwissu 2020. Illi f'dawn l-iskambji, l-parte civile tesprimi dwejjaq u l-imputat jesebixxi dawn il-messagg biex jindika s-stat tas-sahha mentali taghha.

L-imputat jesebixxi wkoll prova u ritratti tat-Televixin bil-wicc imkisser bhala prova li l-parte civile ghamlet il-hsara hi[32] kif ukoll messaggi ohra minghandha u telefonati minn numru mizmum li jghid li saru minnha.[33]

---

[30] Dok AT1(b)

[31] Dok AT1(c)

[32] Folio 256-257 ta' l-atti processwali

[33] Dok AT1(d) u AT1€, Folio 258-260 ta' l-atti processwali

Il-Qorti rat ukoll il-filmat fuq l-USB esebiet mill-imputat[34] fejn jidher hgieg imkisser, ticpis hamrani ma l-art. L-imputat qed jghid lill-parte civile biex titlaq u l-parte civile tidher b'mod kalm qed tipprova tikkomunika lura mieghu u tibda tghidlu li ta daqqa u jghidilha li gidbet. Minn naha taghha tghidlu "you beat the living shit out of me" u jidher hmurija fuq ghajnejha. Minn nahha tieghu b'mod ecitat jghid li kissritlu affarijiet fid-dar u fl-ahhar tghid il-kliem "you made me do this". Jirirzulta li t-tnejn kienu qed jiehdu filmati ta' xulxin li fir-realta tal-llum qieghed issir ghaliex kulhadd sar jiehu filmati u ritratti sabiex jippreserva l-verzjoni tieghu kif jafha hu.

Bhala stat ta' fatt kien hemm glied, u l-imputat qatt ma ressaq rapport kontriha. Il-parte civile, bhala persuni ohra li jinqabdu f'cirku u vizzju ta relazzjoni hazina, tossika jew li mhix bnina ghalihom qatt ma kienet kapaci taqta minn mal-imputat u tant iehor hu. Jidher li kien ikun dizgwid sew bejniethom u li t-tnejn bejniethom jimxu b'certu dizrispett, tingiz u tghajjir lejn xulxin. Ghalhekk mhuiex lanqas ta' sorpriza li l-affarijiet eskalaw b'mod fiziku bejniethom.

Illi l-fatt li l-parte civile soffriet dawn il-griehi fil-jiem in kwistjoni mhuiex ikontestat per se. Mhuiex ikontestat il-fatt li graw u anke li kieku, ic-certifikati medici (ghalkemm dak ta' Dr. Malcolm Falzon ma giex ikkonfermat mit-tabib stess) li saru immedjatament wara jikkonfermaw li fil-jiem in kwistjoni l-parte civile soffriet dawn il-griehi. L-anqas mhu kontestat li l-imputat u l-parte civile kienu flimkien u li kien hemm argumenti bejniethom.

Li huwa kkontestat huwa jekk il-black eye, it-tbengil, il-grif, it-tigbid tax-xhar u l-kosegwenzi tal-glied li kien hemm bejniethom fl-incidenti separati grawx mill-imputat u jekk iva kienux gustifikati.

[34] Dok AT2

Illi l-Qorti rat illi d-difiza fis-sottomissjonijiet taghha itenni li l-parte civile mhix xhud kredibbli u jipprezenta numru ta' affronti relatati mal-karattru taghha u l-hajja privata taghha sabiex jitfa dell fuqha u kif tqatta l-hin socjali taghha.

Illi minn dak kollu li rat u semghat din il-Qorti, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-provi diretti, indiretti u cirkostanzjali kollha. Hafna drabi f'dawn it-tip ta' akkuzi s-sitwazzjoni taqa fuq kelma ta' wiehed kontra l-iehor, b'hafna tajn mitfuh lejn xulxin kif propju gara f'dan il-kaz. Illi l-Qorti taghraf li sabiex is-sitwazzjoni idegenerat sa dan il-livell u anke wasslet sal-Qorti irrid bil-fors jirrizulta li fil-process kien dizgwit serju.

Nonostante dan, din il-Qorti tqis li l-griehi li sehhu fuq il-parte civile huma serji u inkwetanti. Jirrizulta wkoll li l-imputat ma soffra ebda griehi, minkejja li tenni li kellu certifikat mediku u lanqas ma ressaq ebda rapport jew akkuzi kontra l-parte civile ta' hsara fil-propjeta tieghu. Illi jidher minn naha l-ohra l-parte civile ma kienitx qatt kapaci verament taqta minn ma l-imputat u li bejniethom qatt ma kien hemm armonija u rispett ghal xulxin.

Din il-Qorti, minkejja d-dubji li ressaq l-imputat, tqis li meta wiehed jaghrbel kollox li dawk il-griehi li sehhu fuqha kienu saru mill-imputat u hadd iktar. Il-mod kif kien jikkomunika maghha b'diversi mezzi ta' komunikazzjoni jammonta ghal certu livell ta' fastidju. Din il-Qorti tqis li gie ppruvat li dawk il-griehi graw fil-jiem in kwistjoni u fil-postijiet indikati. Il-Qorti tqis ukoll li dawn ma sarux in difesa ta' l-imputat u li ma hemmx provi bizejjed li jiggustifikaw din it-tip ta' imgieba sabiex ma jistabx htija.

Sfortunatament huwa fatt maghruf li l-vjolenza domestika jigri iktar tas-spiss milli huwa rapport u hafna drabi ma jigix rapport sforz ta' dak kollu li parte civile trid tghaddi u anke ghaliex hafna drabi hemm il-biza li ma jigux emmnuti

jew li fil-process ir-reputazzjonji tigi imtapna. Il-vjolenza domestika issib ruhha wkoll f'kull strata tas-socjeta, kull livell ta' edukazjoni u professjoni.

Illi f'dan il-kaz il-Qorti tara li tressqu provi bizejjed sal-grad rikjest mill-ligi sabiex tkun moralment konvinta li l-imputat ghandu jinsab hati ta' l-akkuzi dedotti kontrih.

Illi d-difiza fis-sottomissjonijiet taghha itenni li meta rega sar korrezzjoni fl-akkuzi mill-prosekuzzjoni u gew moqrija mill-gdid dawn ma sarux bil-gurament u ghaldaqstant il-proceduri huma nulli. Il-Qorti rat il-verbal tad-19 ta' Awwissu 2020[35] fejn jirrizulta li l-prosekuzzjoni talbet sabiex ikun hemm korrezzjoni fl-akkuzi u l-imputat ta ruhu b'notifikat. Immedjatament wara sar l-ezami ta' l-imputat fejn wiegeb li mhuiex hati. Il-Qorti rat ukoll li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex l-proceduri jigu trattati bi proceduri sommarji. Ghaldaqstant in vista ta' dan il-kunsens il-Qorti mhix marbuta mal-procedura ikontemplata skont l-artikolu 390(1) tal-Kodici Kriminali li tghodd ghall-kumpilazzjonijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi ghal-finijiet ta' piena li ghandha tigi erogata mill-Qorti, il-Qorti qieset, b'zieda mac-cirkostanzi kollha tal-kaz is-segwenti fatturi:

-Il-prosekuzzjoni esebit il-fedina penali ta' l-imputat.[36], li filwaqt li mhijiex netta, mhijiex wahda partikolarment allarmanti tindika sitwazzjonijiet fil-passat ta' reati volontarji kontra l-persuni.

---

[35] Folio 23 ta' l-atti processwali
[36] Fol. 11-13 ta' l-atti processwali

**Decide**

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 221(1), 222(1)(a), 202(h), 251A, 251B(1) u 339(1)(e) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lil Andrew Tabone **hati** ta' l-imputazzjonijiet dedotta kontrih.

Illi kwantu ghall-piena li ghandha tigi nflitta, il-Qorti qieset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u ghalhekk il-Qorti hija tal-fehma illi piena karcerarja f'dan l-istadju ma hix ser thalli il-frott illi wieħed jkun qed jistenna anzi il-kuntrarju. Ghalhekk il-Qorti hija tal-fehma li jissussistu c-cirkostanzi mehtiega u msemmija fl-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll ikun fl-aqwa nteress tas-socjeta u tal-imputat li il-hati jitqieghed taht Ordni ta' Probation.

Ghalhekk il-Qorti qeghda tpoggi lill-hati taht **Ordni ta' Probation** ghall-perjodu ta' **sentejn (2)** millum b'dan li ghal dan l-iskop qeghda tordna li l-hati jitqieghed taht is-sorveljanza t'Ufficjal tal-Probation indikat lilu mid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole.

A tenur tal-Artikoli 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti fissret lill-hati bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti tal-ordni ta' probation u li f'każ li jonqos milli jikkonforma ruhu ma' dik l-ordni u/jew f'każ li jagħmel reat ieħor tul it-terminu tal-ordni ta' probation, jista' jinghata sentenza ghar-reati li taghhom instab hati b'din is-sentenza.

Il-hati jiddikjara li jaqbel ma' tali ordni. Ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-Ordni ta' Probation ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation u Parole sabiex jassenja Ufficjal tal-Probation biex ikun responsabbli ghas-sorveljanza tal-hati.

L-Ufficjal tal-Probation assenjat ghandu jirrapporta bil-miktub lill-Qorti kompetenti bil-progress tal-hati kull sitt (6) xhur.

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 382A tal-Kodici Kriminali tordna l-hrug ta' **Ordni ta' Trazzin** kontra l-hati a favur ta' Nastassja Gouder ghal perjodu ta' sentejn mid-data tar-remissjoni tal-piena u li ghandha taghti effett ghal kull ma hemm imsemmi fl-artikolu 412C(3)(6)(8)-(11) tal-Kodici Kriminali li ghandhom japplikaw *mutatis mutandis.*

Komunika: Kummissarju tal-Pulizija

**Moghtija illum nhar is-7 ta' Novembru, 2023 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta**

**Dr. Nadine Lia**

**Magistrat**

**Oriana Deguara**

**Deputat Registratur**